# Żieda ta' Kliem u Tifsir

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti", Għadd 209-210)*

ĊNETTA—Ġebla ma' l-art, imdaqqsa, tawwalija u mgerrba. Taħt ċnetta jsib il-bejta n-nemel il-kbir l-iswed minn lewn iż-żift, minn dak li jġorr il-qamħ.

ĊURĊARA—Eż. Nieżel l-ilma ċurċara.

ĊOVI—Li jitboq għal kollox jew isodd fejn ikun qiegħed. Eż. Il-bank tal-mitħna joqgħod ċovi ġol-kanal tiegħu.

ĊUPLAJS—Għodda tal-mastrudaxxa li biha jgħawwġu s-snien tas-srieraq u l-imnaxar. Igħidu ċuplajs hu qlajja' tax-xitan għax dan biex jinbex lil San Ġużepp darba jgħidu għawwiġlu s-snien tas-srieraq waħda 'l hawn u oħra 'l hinn u San Ġużepp sab li b'hekk is-snien jidħlu aktar u jaqtgħu tajjeb. Holoq għalhekk għodda li

tgħawweġ is-snien tas-srieraq u semmewh ċuplajs u baqgħu jaħdmu bih sal-lum. Ċuplajs tfisser ukoll sħab ħafif. Eż. "Dak iċ-ċuplajs jarma jrodd"; il-qagħda tal-baħar meta jkun imqanqal; kif ukoll weraq tal-bajtar ta' Gindja.

ĊUQLAR—Daqqâq il-kastanjoli.

DAGĠ jew DEĠĠ—(1) Li laħaq skond il-liġi: "Għandi t-tfal għad mhumiex deġġi"; (2) mifdijin mill-jasar.

DADIJA—(Trid tinkiteb dagħdiegħa). Il-ġebla aktarx tas-samm li jdur fuqha l-għarqub ta' xatba.

DAMM IL-BJAD—Hareġ il-qoton bil-bajda kif tkun miftuħa: "Il-bjad wara li jindamm jixxemmex."

DAMMA'—Iqattar l-ilma, jarmi l-ilma bħad-dmugħ (għas-siġar). "Is-siġar tissewwa għal Jannar għax jekk tmisshom wara jdemmgħu."

DAQQ IR-RISQ—Għajdut suqi li jfisser, tieħdu kif jiġi għat-tajjeb u għall-ħażin: kif iġġibulek ix-xorti. Eż. Dari l-qamħ kien jiġi fuq il-qlugħ, kien jiġi "daqq ir-risq".

DAQQAQ (dàqqaq)—(iddaqqaq): Iżżewweġ. "Kulħadd dàqqaq".

DARR, IDORR—Għamilt ikla ddoqq iż-żnied u nibża' li jdorrni jekk ma niżfenx u nittajjar biex inbajdiha (?). *Darra*: indiġestjoni.

DEBORINA—Għaddejt bid-deborina 'l fuq. Kilm il-baħar għal xi dgħajsa meta tkun miexja bir-riħ għal żaqqha; miexi mmejjel.

DEFF—Biċċa għodda tad-daqq tat-tajjar. Id-deff injama ċatta wiesgħa, ikun imdaħħal ġol-lasta u marbut magħha. Il-biċċa tan-newl li jħabbtu biha.

DEBBA—Dik il-lasta twila tal-moħriet taż-żewġ li tagħmel ta' tmun.

DEFFA—Xogħol tad-deffa, i.e. iebes.

DEBBEN—Għasfar b'qabża jew b'salt bħalma tagħmel id-dubbiena meta ttir; telaq jiġri: "Meta x-xemx tisħon in-nagħaġ idebbnu".

DEBBER—Ra liema dar togħġbu. "To go house-hunting".

DEKKUKA—Haxixa magħmula bħall-furrajna tinbet waħedha qalb l-uċuh tar-raba'.

DELU—Biċċa tal-mitħna tal-kafè. Jiġi fuq nett. Bħal lenbut wiesa' li fih jixħtu l-kafè inkaljat. F'sens ieħor: "Hemm delu raba' n-naħa ta' l-Imtaħleb igħidulu l-Marġ".

DEMLA—Prov. Min għandu mart missieru—Għandu demla fuq ilsienu.

DENDULA—Misluta, kull ħaġa li tiddendel, "qualunque pendolo".

DENFIL—Bini ta' ħajt mixħut mehmuż ma 'ieħor biex iwieżnu.

DERDUX (driedex)—Qżieqeż ċkejknin.

DAGHBIEN—Ferqa, fetħa, jew ħarq ġol-blat li jibqa' nieżel u ma ssiblux tarf sa fejn jinfed. Ikun fihom it-tifrik u jgħaddi l-ilma minnhom. Dagħbien meta jkun ġej min-naħa tal-punent ma jissaffiex; jibqa' jiftaħ, jibqa iktar ixerred qawwi bil-brajjem. Id-dagħbien aktarx issibhom sejrin mill-Lvant għall-Punent.

DFUR—Rimi tas-silla wara li tkun maħsuda, inkella dak iz-zokk ta' taħt iż-żerriegħa tas-siġra tal-kemmun. Dfur tal-ġulbiena, dfur tas-silla: ix-xuri tas-silla niexfa mwaqqa' li jibqa'.

DIGUDELL—Il-lasta ta' l-aħħar jew ta' wara tal-karrettun. "Orbot digudell".

DIMURIN—Bil-fors.

*(għad jadal)*